**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Zahra)**

**Vs**

**Wayne Falzon**

**Każ Nru: 1145/2012**

Illum 18 ta' Novembru 2021

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Wayne Falzon detentur ta' karta ta' identita' bin-numru 387585M

1. Akkużat talli fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2008, minn ġewwa showroom bl-isem 'Brian Auto Dealer' sitwat fi Triq Tas-Sliema, Gzira, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti fosthom apparat ta' hifi u aċċessorji ta' diversi vetturi liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu tal-ewro (2329.37 ewro) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-detriment ta' Brian Tabone u/jew persuna/I oħra;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli

liema ħsara hija aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu iżda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu ta' l-ewro għad-dannu ta' Brian Tabone u/jew persuna/I oħra;

3. U aktar talli sar reċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

Rat in-nota ta' rinviju ta' ġudizzju mibgħuta mill-Avukat Ġenerali sabiex l-imputat jiġi ġġudikat minn din il-Qorti u l-artikoli indikati minnu.

Rat li l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab addebitat li bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2008 huwa kkommetta serq aggravat bil-kwalifiki tal-valur, mezz, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa fi Brian Auto Dealer; kif ukoll bi ħsara volontarja. Huwa qiegħed jiġi wkoll addebitat bir-reċediva.

**PS 1122 Arthur Rizzo**[1] xehed li fit-13 ta' Frar 2008 għall-ħabta tat-8.30am ċertu Brian Tabone rrapporta ġewwa l-Għassa tas-Sliema fejn irrapporta li huwa kien sid ta' garaxx fi Sliema Road, Gzira u kien skopra li kien sar sgass u minn xi vetturi li kellu f'din is-showroom kienu nsterqu xi stereos. Kienu nsterqu wkoll sett rimmijiet minn karozza partikolari. Kien huwa li għalaq is-showroom fil-ġurnata ta'q abel u dakinhar filgħodu impjegat tiegħu John Gatt fetaħ is-showroom u nduna bis-serq. Meta x-xhud mar fuq il-post, ra li ħames karozzi kellhom l-istereo maqlugħ u misruq kif indikat fl-okkorrenza[2]. F'waħda minn dawn il-karozzi tal-għamla Volkswagen Golf apparti l-istereo kellha wkoll ir-rimmijiet 18 inch alloy wheels neqsin. Kien hemm erba' car speakers li kienu ġo cupboard neqsin

[1] Seduta tat-8 ta' Novembru 2017
[2] Dok AR

ukoll. Irriżulta li d-dħul mill-malvivent/i sar minn tieqa fuq in-naħa ta' ġewwa li tagħti għal ġo shaft ta' building site li kienet miftuħa. Ġie nfurmar l-Ispettur Keith Arnaud li kompla bl-investigazzjoni. Ix-xhud qal li kienet infetħet inkjesta maġisterjali.

**Brian Tabone** xehed[3] li huwa car dealer u kellu showroom ġewwa l-Gzira. Xehed li kienet twettqet serqa fejn insterqu xi affarijiet mill-akrozzi senjatament stereos u rimmijiet. Huwa kkonferma stima ta' €2,300[4]. Huwa kkonferma li tħallas iżda skontu fadallu jieħu xi elf ewro. Kien igħaddilu l-flus l-Ispettur Chris Pullicino. Kien lavrant tiegħu li kien fetaħ is-showroom u nduna bis-serqa. Brian Tabone kien xehed ukoll fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016 li kien irċieva ħlas ta' €3,000 mingħand Wayne Falzon.

**John Gatt** xehed[5] li huwa kien jaħdem ma' car dealer jismu Brian ġewwa l-Gzira. Huwa kien jaħsel il-karozzi u kien imur qabel is-sid. Darba minnhom fetaħ is-showroom u sab karozzi miftuħin, stereos misruqin, kien hemm ukoll karozza mingħajr tyres u rimmijiet. Huwa ċempel lil Brian u nfurmah li kien ġie misruq. Kien hemm it-twieqi maqlugħin minn posthom. Dawn it-twieqi kienu jisporġu għal ġox-xaft. Kienu jagħlqu s-showroom huwa flimkien mas-sid iżda kien jiftaħ huwa biss. Kienu jħallu tieqa li kienet sliding miftuħa għall-arja. Qal li biex titla' mix-xaft kienet problema u qal ukoll li kien taha l-fingerprints lil-pulizija.

**Gabriel Gatt** xehed[6] li huwa kien jaħdem ma' Brian Autodealer fil-Gzira madwar ħdax jew tnax-il sena qabel. Meta telaq huwa, daħal jaħdem hemm missieru. Igħid li kien ġie mitkellem mill-pulizija. Kien ċempillu Brian ukoll u allega li kien serqu, iżda huwa ċaħad li kien huwa li serqu.

**L-Ispettur Kurt Zahra** ippreżenta[7] kopji ta' żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fit-18 ta' Settembru 2012 fejn huwa kien ingħata d-dritt li jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni.

---

[3] Seduta tal-14 ta' Frar 2018
[4] Dok BT a fol 90 tal-proċess
[5] Seduta tal-14 ta' Frar 2018
[6] Seduta tal-14 ta' Frar 2018
[7] Seduta tal-14 ta' Frar 2018

Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li l-ewwel żewġt imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-Liġi ossija oltre d-dubbju dettat mir-raġuni u dan billi:

1) Irriżulta li bejn it-12 u t-13 ta' Frar 2008 twettqet serqa fi Brian Autodealer.
2) Ingħad li nfetħet Inkjesta Maġisterjali, iżda ebda process verbal ma ġie eżebit in atti.
3) M'hemm ebda prova li tikkolloka lill-imputat fis-showroom dakinhar tas-serqa u li kien huwa li seraq l-istereos u r-rimmijiet.
4) Apparti l-fatt li l-istqarrijiet li ġew preżentati huma biss kopja mingħajr ma ġew ikkonfermati li huma vera kopja tal-oriġinal u lanqas il-firem ma ġew ikkonfermati, hemm ukoll il-kwistjoni li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu. Il-Qorti hija konxja tal-ġurisprudenza reċenti iżda f'dan il-każ hija biss l-istqarrija tat-18 ta' Settembru 2012 li b'xi mod tista' tinkrimina lill-imputat għal parti minn imputazzjoni u xejn aktar. Għalhekk xorta waħda kien ikollha tiġi skartata.
5) Filwaqt li rriżulta li Brian Tabone rċieva ħlas ta' tlett elef ewro mingħand l-imputat, fil-fehma tal-Qorti din ma tistax tiġi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti meta Brian Tabone xehed huwa lanqas ta dettall ta' xhiex kien qiegħed jitħallas għalkemm wieħed jista jiddeduċi jew jippreżumi.

Għalhekk l-imputat mhux se jinstab ħati tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Tenut kont li l-addebitu tar-reċediva huwa konsegwenzjali għal sejbien ta' ħtija, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' tali addebitu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**

**Maġistrat**